MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 245/2009

**AUTO SALES LIMITED (C-491)**

vs

Joseph **ŻAMMIT** u martu Carmelina Żammit

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq bil-Poċedura Sommarja Speċjali fil-11 ta' Marzu, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, s-soċjeta' rikorrenti talbet li din il-Qorti:

( i ) Taqta' l-kawża mingħajr smigħ;

( ii ) Issib li l-imħarrkin għandhom iħallsuha €31,044.03 bħala bilanċ ta' prezz ta' bejgħ ta' Vettura ; u

( iii ) Tikkundannahom iħallsuha dik is-somma flimkien mal-imgħax legali sal-jum tal-ħlas effettiv. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' rikorrenti;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-Kontumaċja tal-intimati tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta'** rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin għandhom iħallsuha s-somma ta' wieħed u tletin elf u erbgħa u erbgħin euro u tliet ċenteżmi (€31,044.03) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz tal-Vettura tal-għamla *Mercedes Benz CLK Cabrio*, lilhom mibjugħa u konsenjata mill-istess soċjeta' attriċi;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-Kumpannija attriċi s-somma fuq imsemmija ta' €31,044.03, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dak l-ammont b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

Tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu wkoll **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------